**Opportunitajiet ta' xogħol wara l -irtirar**

Il-popolazzjani kulma jmur qiegħda tixjiħ. Fil-fatt, l-aħħar ċensiment li sar f'Malta fl-2021, juri li kien hemm żieda fil-persuni li għandhom 65 sena jew aktar (minn 16.3% fl-2011 għal 18.8% fl-2021).

Biex tagħraf id-drittijiet ta' dan il-koħort tal-popolazzjoni, il-Ġnus Magħquda tfakkar il-**Jum Internazzjonali tal-Anzjani** fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena. F'din il-ġurnata, is-soċjetà għandha tirrifletti aktar fuq il-ħidma tagħha sabiex verament jittieħdu dawk il-miżuri li jwasslu biex l-anzjani jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà inkluż fuq il-post tax-xogħol. Dan għaliex ħafna drabi dawn il-persuni jkunu għadhom igawdu livell tajjeb ta' saħħa.

L-aċċess għax-xogħol huwa importanti fih innifsu u għal kulħadd, għax jippermetti lill-individwi li jkollhom kwalità ta' ħajja aħjar, jgħixu b'mod indipendenti u jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà. Ix-xogħol mhuwiex biss dwar dħul finanzjarju, iżda jagħti sens ta' tifsira u struttura u jipprovdi opportunitajiet għat-tagħlim u għall-esperjenzi ġodda. Illum jidher ċar illi l-ekonomija Maltija għandha bżonn ħafna iktar riżorsi umani biex tissaħħaħ u tikber. Għaldaqstant, għandha tinħoloq diskussjoni dwar il-possibbilità biex nagħmlu użu aħjar mill-esperjenzi u l-kapaċitajiet tal-irġiel u tan-nisa li jkunu rtiraw jew waslu biex jirtiraw mis-suq tax-xogħol. Proposti diġà qed isiru f'dan il-kuntest kemm mill-għaqdiet ta' min iħaddem kif ukoll mill-unjins.

Hawn Malta, madwar 7.1% tal-persuni li kienu qegħdin jaħdmu kellhom 'l fuq minn 65 sena fl-2021 (żieda ta' 1% meta mqabbla mas-sena ta' qabel). Fil-fatt 11.5% tal-irġiel u 3.1% nisa fis-suq tax-xogħol kienu jaqbżu l-65 sena. Għaldaqstant, jeħtieġ li jkun hemm aktar opportunitajiet sabiex il-persuni jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara l-irtirar jekk jixtiequ. B'hekk huma jkunu finanzjarjament aktar stabbli, fid-dawl li skont rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSO), madwar 30% tal-persuni li għandhom 65 sena jew aktar huma f'riskju ta' faqar.

Iżda mhux biss, min jimpjega wkoll għandu x'jiggwadanja. Ħaddiema bi snin twal fis-suq tax-xogħol ikollhom għarfien u esperjenza li huma ta' benefiċċju kemm għalihom stess għaliex

jibqgħu attivi, għall-ħaddiema l-oħrajn għaliex jaqsmu l-għarfien li jkollhom magħhom, kif ukoll ta’ benefiċċju għal min iħaddem bl-aspetti pożittivi li jġibu- d-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol; b’hekk ikun hemm impjegati minn gruppi ta' etajiet differenti li jikkomunikaw u jħabbtu l-ideat tagħhom flimkien għall-ġid tal-kumpanija jew l-organizzazzjoni li jaħdmu fiha.

Il-benefiċċji soċjali bħall-pensjonijiet għandhom jinkoraġġixxu lil dawn l-individwi biex jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Madwar l-UE, l-etajiet obbligatorji tal-irtirar huma jew stabbiliti fil-liġi jew fi ftehimiet ta’ impjiegi u jistgħu japplikaw b'mod ġenerali jew f'setturi speċifiċi (kemm f’dawk pubbliċi jew privati). Xi kumpanji jiddeċiedu li jimpjegaw ħaddiema anzjani wara li jilħqu l-età tal-irtirar iżda mingħajr ma joffru l-istess kundizzjonijiet, pereżempju, joffru biss kuntratti temporanji. Dan jista’ jkun ta’ skuraġġament għal dawn in-nisa u rġiel u ma jgħinx biex jintlaħaq l-għan ta’ użu tajjeb ta’ riżorsi umani.

Il-Pjattaforma Ewropea AGE tirrakkomanda li sabiex niġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi ta’ età fis-suq tax-xogħol jeħtieġ li nnaqqsu l-lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE, nippromwovu l-ugwaljanza abbażi ta’ età permezz ta’ kampanji pożittivi, noħolqu inizjattivi mfassla apposta għall-ħaddiema kbar fl-età li qegħdin ifittxu impjieg, u noħolqu postijiet tax-xogħol li huma inklussivi, partikolarment għal dawk il-ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' kura, fost oħrajn.

Din il-Pjattaforma Ewropea AGE qiegħda tagħti wkoll il-kontribuzzjoni tagħha fid-diskussjonijiet li qegħdin isiru bħalissa bil-għan li titfassal il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni Anzjani. Din il-Konvenzjoni mistenniha tafferma mill-ġdid li l-individwi, tkun xi tkun l-età tagħhom, huma ugwali fid-dinjità u fid-drittijiet u b’hekk b'mod awtorevoli jisfidaw l-isterjotipi negattivi assoċjati mal-anzjanità. Din il-Konvenzjoni se tkun tista’ tgħinna nibdlu l-liġijiet, il-politiki u s-servizzi li joħolqu żvantaġġ lill-persuni kbar fl-età.

Id-dritt għax-xogħol għandu jkun garantit mingħajr distinzjoni ta' età. Huwa importanti li nagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet u l-esperjenzi ta’ kulħadd. Għaldaqstant, ħaddiema kbar fl-età għandhom jingħataw l-istess opportunitajiet bħal kull ħaddiem ieħor, f’dawk li huma impjiegi, promozzjonijiet u taħriġ.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) taħdem sabiex tħares l-ugwaljanza abbażi tal-età fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll fejn jidħlu banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

L-ugwaljanza abbażi ta' età mhux biss tiskoraġġixxi sterjotipi u attitudnijiet diskriminatorji iżda toħroġ fid-deher il-kontribuzzjonijiet siewja li l-anzjani jagħtu kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fis-soċjetà inġenerali.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200 jew billi tidħol fuq il-websajt [www.ncpe.gov.mt](http://www.ncpe.gov.mt)*

**20 ta' Settembru 2022**